**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 41** **18 ta’ Mejju, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk iltaqa’ fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 18 ta’ Mejju fid-9.30 ta’ filgħodu.

Din il-laqgħa ixxandret ‘live’ permezz tas-sistema tal-‘online streaming’ kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-‘Video On Demand’ u mtella’ fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Miriam Camilleri - Viċi Sindku
Reno Buġeja - Kunsillier
Matthew Buġeja - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Vanessa Galea - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **41.1** | **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija** |
| 41.1.1 | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | |
| **41.2** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 41.2.1 | Il-laqgħa bdiet fid-9.40am. Ġew approvati l-minuti Nru 23, 37, 38 u 39 |
| | |
| **41.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 41.3.1 | Is-Sindku ta aġġornament dwar it-tender ta' Delimara, fejn spjega li l-avukata flimkien mal-konsulent qed jikkomunikaw mad-Dipartiment tal-Kuntratti (DOC), peress li hemm bżonn li jsiru xi tibdiliet minuri u jiġu ċċarati xi mistoqsijiet li tqajmu.<br><br>Is-Sindku qal li fis-17 ta' April, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-kuntrattur ta' Nexos u inġinier mill-ARMS, iltaqgħu sabiex jiddiskutu l-proġett ta' sostituzzjoni tad-dwal tat-toroq kollha ta' Marsaxlokk b'dwal LED. Dan ix-xogħol diġà beda u l-għan tal-aġġornament kien sabiex, jekk xi residenti jistaqsu dwaru, il-Kunsilliera jkollhom informazzjoni aġġornata u jkunu jistgħu jagħtu risposta.<br><br>Is-Sindku qal ukoll li fit-12 ta' Mejju s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet mal-Pulizija tal-Komunità, fejn ġew diskussi diversi problemi u proposti relatati ma' Marsaxlokk. Is-Sindku ta l-permess lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tagħti aktar dettalji. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waħda mill-problemi diskussi kienet dik tal-caravans. Ġiet diskussa wkoll il-kwistjoni ta' Blue Bay fir-rigward ta' persuni b'diżabilità. Iż-żewġ suġġetti jinsabu fuq l-aġenda tal-laqgħa. Ġiet diskussa wkoll il-veloċità eċċessiva f'ċerti toroq, u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tikkuntattja lil Transport Malta sabiex isir risk assessment. Transport Malta mbagħad tagħti rakkomandazzjoni dwar il-limitu tal-veloċità xieraq għal kull triq, sabiex fil-futur jitwaħħlu t-tabelli neċessarji u l-Pulizija tkun tista' twettaq infurzar permezz tal-apparat tagħha għall-kejl tal-veloċità.<br><br>Is-Sindku qal li ftit xhur ilu l-Kunsill kien approva donazzjoni ta' €500 lill-Iskola Primarja ta' Marsaxlokk sabiex jinxtraw kotba għall-Prize Day. Minn dak iż-żmien saret il-Prize Day, iżda l-kotba ma nxtrawx minn naħa tal-kunsill. Il-Kap tal-Iskola kkuntattjat lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jistaqsi jekk dawn il-fondi jistgħux jintużaw għal Water Games Day bl-istess ammont approvat. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux ma' din il-proposta u l-Kunsilliera vvutaw unanimament favur.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li waqt il-laqgħa li kellha mal-Kap tal-Iskola, semmiet il-proposta tal-Cat Cafés li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti. Il-Kap tal-Iskola ma qablitx li din l-inizjattiva ssir ġewwa l-iskola. |

| | |
|---|---|
| | Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Kap tal-Iskola kinitx tkellmet mas-Segretarju Eżekuttiv dwar l-użu tas-sala tal-iskola għal-lezzjonijiet tal-edukazzjoni fiżika mingħajr ħlas. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li s-suġġett issemma biss fil-qosor, peress li l-konversazzjoni ffukat aktar fuq il-problema tad-dawl li għandha l-iskola. Hija spjegat li, min-naħa tal-Kunsill, ser jiġu installati floodlights fil-binja tal-iskola mill-fondi tal-Kunsill, peress li l-iskola qed tipprovdi l-użu tas-sala tagħha lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà tkellmet mal-kuntrattur ta' Nexos, li ser iwettaq ix-xogħol, u li bħalissa qed tistenna konferma mill-iskola dwar fejn ser ikun il-punt tal-provvista tal-elettriku.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa fakkar lill-Kunsill li l-ground iż-żgħir tal-iskola kien ġie rranġat mill-Kunsill u għalhekk il-Kunsill għandu dritt għall-użu tiegħu. |
| | |
| **41.4** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti** |
| 41.4.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tas-seduta l-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 05/2026, kif ukoll l-Iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' April. Dawn ġew approvati mill-Kunsillier Reno Bugeja bħala proponent u ssekondati mill-Kunsillier Matthew Bugeja. |
| | |
| **41.5** | **Korrispondenza** |
| 41.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv, bil-kunsens tas-Sindku, infurmat lill-Kunsill li ġiet riċevuta email minn Socjo Religjuż rigward reklam relatat max-xandir tal-festi tal-irħula, għall-ammont ta' €100. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera jekk jaqblux li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Waqt il-votazzjoni, is-Sindku vvota kontra, filwaqt li l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Matthew Bugeja u Reno Bugeja vvutaw favur. Il-Kunsillier Daniel Zerafa astjena.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li ġiet riċevuta talba għal permess sabiex titqiegħed vending machine faċċata tas-sit fejn qabel kienet tinsab il-pompa tal-fuel. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera jekk jaqblux mal-ħruġ tal-permess u jekk jaqblux li jsir ftehim mal-applikant, li permezz tiegħu jitħallas ammont ta' €500 fis-sena, filwaqt li l-permess jinħareġ skont il-proċeduri stabbiliti. Il-Kunsilliera approvaw din il-proposta b'mod unanimu. |
| | |
| **41.6** | **Karavans** |
| 41.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li qed tinqala' problema marbuta ma' persuni li għandhom caravans. Hija qalet li l-Pulizija tal-Komunità infurmawha li allegatament qed isir rimi ta' skart uman fil-baħar. Il-Viċi Sindku osservat li dawn il-persuni suppost għandhom toilets fil-karavans tagħhom. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li r-rimi qed isir f'barmil u sussegwentement jiġi mormi fil-baħar. Hija semmiet ukoll każ fejn wieħed mis-sidien tal-caravans waħħal madum mal-art u bena struttura kbira tal-ħadid, inkluż ankraġġ ma' ħajt eżistenti.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja saħaq li għandu jsir rapport lill-Pulizija u jiġu imposti multi fuq min ikun qed jikser il-liġi, kif ukoll li min-naħa tal-Kunsill jiġi revokat il-permess u ma jinħariġx permess ieħor għall-istess vettura jew l-istess persuna għal perjodu ta' tliet snin.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa qal li kull min jikser il-liġi m'għandux jingħata permess ieħor, speċjalment meta jsiru strutturi fissi u tiġi okkupata ż-żona b'mod mhux permess.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja saħaq li s-sit għandu jiġi rrappurtat bħala "hot spot" u għandha tintbagħat Pulizija fil-komunità fuq bażi regolari.<br><br>Is-Sindku qal li, għalkemm il-Kunsill qed idaħħal dħul minn dawn l-arranġamenti, hemm diversi kwistjonijiet serji. Huwa saħaq li l-persuni kkonċernati suppost għandhom il-faċilitajiet meħtieġa għall-użu tagħhom u li tali prattiki mhumiex aċċettabbli. Huwa ppropona li mill-1 ta' Ġunju sal-aħħar ta' Ġunju jibdew jinħarġu permessi ġodda b'regolamenti aktar stretti dwar l-immaniġġjar tal-iskart, iż-żamma ta' bankini ħielsa u l-organizzazzjoni tal-parkeġġ. Ġie propost li kull karavan jingħata żewġ spazji għall-parkeġġ (wieħed għall-karavan u ieħor għall-vettura tal-istess sid). Ġie enfasizzat li kwalunkwe ksur tar-regolamenti jwassal għal revoka immedjata tal-permess, u f'każ ta' ksur ripetut, jitneħħew il-caravans miż-żona kollha.<br><br>Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' din il-proposta.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa innota li l-camping zone f'Triq il-Power Station kienet maħsuba bħala waħda temporanja, peress li kien hemm pjan li jinħoloq camping zone f'żoni qrib it-Torri ta' San Luċjan, li iżda għadu ma ġiex implimentat. |
| | |
| **41.7** | **Skips tar-Restoranti** |
| 41.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, flimkien mas-Sindku, żaru l-pjazza fejn ġie nnotat li xi kafetteriji kellhom diversi skips imqiegħda barra, b'każ fejn kafetterija minnhom kellha sa erba' skips fuq barra.<br><br>Is-Sindku spjega li l-pjazza ġiet irranġata u li huwa diġà kellem lil din il-kafetterija partikolari dwar is-sitwazzjoni. Huwa semma wkoll li l-istess kafetterija għandha bitħa privata, u li kien hemm ukoll tentattiv biex tiġi rranġata sitwazzjoni mal-Kappillan sabiex dawn l-iskips jitqiegħdu maġenb il-knisja. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku spjega wkoll li ġew diskussi pjanijiet sabiex fil-futur titpoġġa struttura (kaxxa) b'disinn simili għal dak tal-pjazza, fejn l-iskips ikunu jistgħu jiddaħħlu ġewwa din l-istruttura. Ġie spjegat li l-kafetterija inkwistjoni qablet li tħallas għall-ispiża ta' din il-kaxxa. Din il-proposta, għalissa, hija maħsuba għall-kafetteriji kollha li jinsabu fil-pjazza, u aktar 'il quddiem tista' tiġi estiża għall-kafetteriji ta' max-xatt.<br><br>Il-Kunsill ser jagħżel disinn ta' struttura fil-forma ta' kabinett li jakkomoda żewġ skips żgħar (bins on wheels), sabiex din tkun integrata mad-disinn il-ġdid tal-pjazza. Il-ħwienet u n-negozji fil-pjazza li jixtiequ jżommu skips barra jkunu obbligati jixtru din l-istruttura, li tiġi ffinanzjata mis-sidien tal-ħwienet.<br><br>Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Reno Bugeja u Matthew Bugeja qablu ma' din il-proposta. Il-Kunsillier Daniel Zerafa ma qabilx. |
| | |
| **41.8** | **Aġġornament fuq Gal Xlokk** |
| 41.8.1 | Is-Sindku ta permess lill-Kunsillier Matthew Bugeja sabiex jindirizza s-suġġett, peress li kien preżenti għal-laqgħa li saret flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u rappreżentant tal-GAL Xlokk.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja spjega x'jikkonsisti u x'joffri l-GAL Xlokk, fosthom opportunitajiet ta' fondi li jistgħu jintużaw għal diversi proġetti. Huwa spjega li waħda mill-kategoriji hija "Greening the Community" u qal li ser jara x'jista' jsir u jippreżenta proposta aktar 'il quddiem.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-GAL Xlokk jista' jiffinanzja sa 80% tal-fondi, filwaqt li l-Kunsill ikun responsabbli għal 20%. Madankollu, jeħtieġ li l-Kunsill jidentifika minn fejn jista' jkopri s-sehem tiegħu. Il-Kunsillier Matthew Bugeja spjega li tista' tinħareġ skema mid-DLG relatata mal-proġett sabiex isir co-financing.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li jistgħu jiġu aċċessati fondi minn dipartimenti oħra, skont in-natura tal-proġett.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja semma wkoll li waħda mill-iskemi tal-GAL Xlokk hija 'Restawr ta' Wirt Storiku', u ppropona li tiġi kkuntattjata persuna mill-Knisja sabiex tapplika għall-iskema sabiex tiġi rranġata ċ-ċint tal-Knisja min-naħa ta' Triq San Ġużepp, peress li jinsab f'kundizzjoni ta' periklu. Huwa offra li jagħmel il-kuntatt meħtieġ mal-persuna responsabbli tal-Knisja.<br><br>Il-Kunsilliera qablu unanimament. |
| | |
| **41.9** | **Regolamenti dwar Kiosks Temporanji** |

| | |
|---|---|
| 41.9.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsilliera ħejjewx lista ta' regolamenti relatati mal-permessi temporanji għall-kiosks f'erba' postijiet differenti. Hija spjegat li, min-naħa tagħha, intbagħtet komunikazzjoni lil Transport Malta sabiex jiġu nnotifikati, iżda ma kellix risposta lura.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja ppreżenta l-proposti tar-regolamenti kif ġej:<br>• Il-permess ser ikun validu minn Ġunju sa Settembru;<br>• Ma jitħallewx jitpoġġew imwejjed u siġġijiet barra;<br>• Ma jitħallewx jintużaw generators;<br>• Il-post għandu jinżamm nadif f'kull ħin.<br><br>Il-Kunsilliera approvaw dawn ir-regolamenti unanimament.<br><br>Il-Viċi Sindku esprimiet nuqqas ta' qbil ma' sistema ta' "first come, first served" għall-applikazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ser tinħareġ sejħa għall-applikazzjonijiet, u din titpoġġa fuq il-paġna tal-Kunsill sabiex in-negozjanti jkunu jistgħu japplikaw u jagħżlu wieħed mill-postijiet disponibbli. F'każ li jkun hemm aktar minn applikant wieħed għall-istess żona, issir polza sabiex jintgħażel l-applikant. Il-Kunsilliera approvaw din il-proċedura unanimament. |
| | |
| **41.10** | **Personalised Blue Bay (Triq Wilġa)** |
| 41.10.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv, bil-permess tas-Sindku, spjegat li kemm il-Pulizija tal-Komunità kif ukoll persuna li għandha bżonn il-Blue Bay avviċinaw lill-Kunsill sabiex tiġi kkunsidrata l-installazzjoni ta' kaxxa quddiem waħda mill-mini fi Triq Wilġa, viċin ir-Rising Sun.<br><br>Hija spjegat ukoll li bħalissa l-karozzi diġà qed jipparkjaw fuq il-bankina f'din iż-żona. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat li qed tinforma lill-Kunsilliera minn qabel sabiex id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod organizzat u skont il-proċeduri, u biex jiġu evitati problemi li jistgħu jinqalgħu wara. Hija kkonfermat ukoll li l-persuna inkwistjoni diġà għandha Blue Badge card.<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-kaxxa proposta hijiex ser tkun personalizzata, u s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv.<br><br>Is-Sindku spjega li ġewwa l-mina ma jistax isir parkeġġ. Il-Kunsillier Reno Bugeja osserva wkoll li l-madum intern huwa kollu miksur, u li f'każ ta' emerġenza ma jkunx possibbli li jidħlu jew joħorġu ambulanza jew stretchers.<br><br>Is-Sindku qal li bħala alternattiva tista' tiġi kkunsidrata ż-żona tas-sajjieda ħdejn il-baħar, iżda anke hemm jista' jkun hemm diffikultajiet minħabba attività oħra bħal monti. Il-Kunsillier Reno Bugeja ssuġġerixxa li tista' tiġi kkunsidrata ż-żona tal-parkeġġ tal-Magħluq ħdejn il-bandli. Ġiet ukoll proposta Triq Duncan kif ukoll Triq Ġużeppi Maniscalco. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku informa li ser issir komunikazzjoni mal-persuna kkonċernata sabiex jiġu diskussi dawn il-punti u jiġu esplorati l-għażliet disponibbli. |
| | |
| **41.11** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 41.11.1 | Il-Viċi Sindku staqsiet jekk jistax jitqiegħed dog bin fi Triq Wilġa. Is-Sindku wieġeb li dan jista' jwassal għal żieda fl-iskart, u rrimarka li fi Triq Wilġa diġà hemm dog bin ħdejn iż-żona tal-Hunters. Il-Viċi Sindku rtirat il-proposta tagħha.<br><br>Il-Kunsillier Reno Bugeja staqsa dwar l-istat attwali tal-proċess tat-tender għall-provvista ta' servizzi relatati mat-teknoloġija tal-informatika. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li se tikkjarifika u twieġeb lura lill-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja spjega li fil-manifest tal-Partit Laburista, Kapitlu 19 (paġna 224, Sub-kategorija 58), hemm proposta li fil-leġiżlatura li jmiss jitkompla x-xogħol taċ-Ċentru tar-Riċerka tal-Akkwakultura u s-Sajd ġewwa Marsaxlokk. Dan il-proġett huwa maħsub li jsir minflok il-jogging track li l-Kunsill applika għalih u li għandu permess validu sal-2027.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa min hu kontra din il-proposta. Is-Sindku wieġeb li huwa kontra, filwaqt li l-Kunsillier Daniel Zerafa wkoll esprima nuqqas ta' qbil. Is-Sindku ppropona li tinħareġ ittra lill-Prim Ministru kif ukoll stqarrija uffiċjali. Il-Kunsilliera Matthew Bugeja u Reno Bugeja esprimew ukoll oppożizzjoni għall-proposta. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar l-istatus tal-art u jekk hemmx permess mill-Awtorità tal-Artijiet. Is-Sindku staqsa jekk il-Viċi Sindku kinitx kontra l-proposta, u hija ċċarat li ma taqbilx mal-istqarrija, iżda taqbel li tintbagħat ittra lill-Prim Ministru. Il-bqija tal-Kunsilliera qablu li tinħareġ stqarrija u tintbagħat ittra lill-Prim Ministru fl-istess ġimgħa ta' din il-laqgħa.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja semma wkoll proposta oħra fil-Kapitlu 17 – Pjan Ħolistiku għat-Trasport (paġni 202–203, Sub-kategoriji 48 u 50), li tirrigwarda r-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ġewwa l-Marsa. Ġie rrappurtat li hemm spekulazzjoni li attivitajiet marittimi jistgħu jiġu trasferiti lejn Marsaxlokk.<br>Is-Sindku qal li din il-kwistjoni għandha wkoll tiġi inkluża fl-ittra u fl-istqarrija, u li l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk mhux ser jaċċetta tali żviluppi mingħajr diskussjoni xierqa dwar x'jista' jsir jew ma jsirx fil-lokalità. Huwa ssuġġerixxa wkoll li, jekk ikun hemm xi element ta' benefiċċju, jista' jiġi kkunsidrat bħal breakwater.<br>Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsilliera jaqblux li l-attivitajiet marittimi tal-Marsa, minkejja li jistgħu jkunu parti minn proġett pożittiv, m'għandhomx jiġu trasferiti lejn Marsaxlokk. Il-Kunsilliera kollha qablu kontra din il-proposta. |
| | |
| **41.12** | **Planning Authority** |
| 41.12.1 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa ressaq kopja tal-applikazzjoni PA/00315/26, li hija applikazzjoni għal kiosk max-xatt ta' Delimara, bejn St Peter's Pool u t-Tumbrell. |

| | |
|---|---|
| | Il-proprjetà hija tal-applikant u l-kiosk propost għandu dimensjonijiet ta' 6ft b'6ft.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja rrakkomanda li l-applikazzjoni tiġi rrifjutata fuq il-bażi li s-sit huwa wieħed naturali u ODZ, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' provvista ta' elettriku.<br><br>Il-Kunsilliera vvutaw unanimament kontra l-applikazzjoni. |
| | |
| **41.13** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 41.13.1 | Il-laqgħa li jmiss ġiet deċiża li ssir fit-08 ta' Ġunju fid-9.30am.<br>Il-laqgħa ntemmet fit-11.08am, wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 08 ta' Ġunju, 2026.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Vanessa Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

________________________

***Sekondant***